**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 5 ta' Dicembru 2018**

**Rikors Numru : 348/2018 JPG**

**Kawza numru : 21**

**DC**

**Vs**

**JS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' DC datat 31 ta' Lulju 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kkontrattaw iz-zwieg fis-27 ta' Mejju tas-sena 2000 (Dok DC1) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal; J illi twieled f'X u B illi f'Y.*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienet infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Rosalyn Aquilina, fit-tieni ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (02.12.2016) (Dok DC2) izda ilhom jghixu separati minn xulxin mill-1 ta' Lulju tas-sena 2014 (Artikolu 3 a fol. 2).*

3. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment*

*minghand xulxin (Artikolu 5 a fol. 3); Inoltre l-manteniment ghall-imsemija tfal, J u B, gie regolat fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (Artikolu 12 sa 15 a fol. 11 sa 15).*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

5. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjoni tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16, ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat JS, datata 23 ta' Ottubru, 2018, a fol, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti mhuwiex qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, u jaqbel illi jikkonkorru il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju ai termini ta' l-artikolu 66B tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.*
*Illi cionostante l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjes in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, li ghandhom jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**DC** xehdet a fol 27 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Mejju 2000 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, J ta' tmintax-il sena, u B ta' hmistax -il sena. Qalet illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Dicembru 2016 – vide Dok DC2 a fol 4 tal-process, izda ilhom jghixu separatament minn Lulju tas-sena 2014. Xehdet li m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment, izda hemm kwistjoni biss fir-rigward ta' xi spejjez ta' edukazzjoni ta' binhom minuri.

**JS** xehed a fol 30 *et seqq* u kkonferma x-xhieda moghtija minn DC. Ikkonferma wkoll li m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghall-kaz in ezami senjatament:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***[...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub flartikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn Lulju 2014 u li sussegwentement isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina, debitament awtorizzat mill- Qorti.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**